MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 440/2011

**Dr Jean Paul Demajo (K.I. 88680M)**
**Vs**
**Vladimir Petropoljac**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u ghoxrin ewro (€820.00) rapprezentanti bilanc fuq xoghol ta' dentistrija, inkluz xoghol preparattiv ghal *'dental bridge'* illi thejja wara illi l-attur ikkonsulta mal-konvenut li min-naha tieghu awtorizza lill-attur sabiex jipprocedi bix-xoghol preparattiv in kwistjoni u dan skont id-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A;  interpellat permezz t'ittra legali tal-21 ta' Frar, 2011 (Dok. B) sabiex jersaq biex dan id-'*dental bridge'* jkun jista' jigi kompletat, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri; bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut illi fl-ewwel lok, id-domandi attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma ta ebda inkarigu lill-attur biex jaghmel id-*dental bridge* in kwistjoni; illi inoltre l-konvenut hallas ghax-xoghol preparattiv kollu u kellu jiddeciedi jekk kienx ser jinkariga lill-attur biex jaghmel *bridge* u/jew l-alternattivi adonteri; illi mhux minnu li ma hallasx ghax-xoghol kollu preparattiv kif jirrizulta mill-ircevuti appoziti u dan kontrarjament ghal dak allegat fl-ittra datata 21 ta' Frar, 2011 u ffirmata minn Dr Kris Balzan; salv eccezzjonijiet ohra.
Ra l-affidavit ta' Jean Paul Demajo;
Ra l-affidavits tal-konvenut u martu Marianna Petropoljac;
Sema' x-xhieda inkontro-ezami;
Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;
Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.
Ra l-verbal tal-10 ta' Mejju 2012 fejn l-attur inghata sal-ahhar gurnata ta' Gunju 2012 sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u l-konvenut kellu sal-ahhar ta' Lulju 2012 sabiex jipprezenta n-nota tieghu u thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum.
Ra n-nota tal-konvenut Vladimir Petropoljac li giet ipprezentata fl-27 ta Awissu 2012.
**Ikkunsidra:**
L-attur **Dr. Jean Paul Demajo**, fl-affidavit tieghu ddikjara illi l-konevut kien gie ghandu minhabba emergenza u cioe *abcess f'sinna* ("l-ewwel *premolar*"). Illi d-dentist innota ukoll li kellu sinna ohra li kienet imhassra u kelha tinqala (it-tieni *premolar*"). Illi dakinhar kien beda t-trattament tal-ewwel *premolar* imma pero' l-klijent ma kienx zamm l-appuntamenti ta' wara biex jitkompla t-trattament. Illi wara hames xhur il-konvenut kien rega' mar ghand id-dentist biex inaddaf sninu. Dakinhar tal-10 ta' Settembru 2010 nghata parir biex ikompli bit-trattament tal-ewwel *premolar*. Dakinhar, wara li kien ikkompleta x-xoghol fuq l-ewwel *premolar* u cioe' il-*filling,* id-dentist kien tah parir biex jaghmel *crown* fuq il-*first premolar* u mbgahad jaghmel *crown* fuq id-darsa magenb il-vojt tat-tieni *premolar* billi jaghmel *bridge* u ghalhekk jghatti l-vojt. Id-dentist kien tah ghazla ohra u dan kien illi jaghmel *implant* minflokk it-tieni *premolar*. L-attur jidikkjara illi kien spjega l-ispejjez involuti u l-konvenut kien ghazel il-*bridge*. Infatti l-konvenut iffissa appuntament iehor biex jibda dan ix-

xoghol. Fis-17 ta Settembru 2010 l-konvenut kien zamm l-appuntament u kien beda x-xoghol ghall-*bridge* - kien ghazel il-materjal fis-somma ta’ €870 u kien ittiehed il-forma tal-hanek. Ix-xoghol kien ta’ madwar siegha u nofs u l-pazjent hallas somma ta’ hamsin ewro (€50) akkont. Illi il-*bridge* gie ordnat u dan ikun *custom made*. Illi wkoll dakinhar kien ghamel appuntament ghas-27 ta’ Settembru biex jitwahhal il-*bridge*. Illi pero’ l-konvenut ma giex ghall-appuntament. Illi fil-kontro-ezami l-attur iddikjara illi x-xoghol preparatorju huwa ‘*95% tax-xoghol li kelli naghmel fir-rigward tal-bridge’*. Illi x-xhud iddikjara ukoll illi x-xoghol preparattiv ma jistax jinfired mill-*fitting ‘ghaliex inkella its a waste of time and money’.*
Il-verzjoni tal-attur giet ikkontestata mill-konvenut. **Vladimir Petropoljac** iddikjara illi l-familja tal-mara tieghu kienu dejjem jinqdew b’dan id-dentist u qatt ma kellhom problemi. Skont Vladimir Petropljac id-dentist kien tah parir li jaghmel *bridge*. Illi l-konvenut kien informa d-dentist illi kellu prijoritajiet ohrajn peress illi kien ser jkollu tarbija u ghalhekk stqarr,
*“to this Dr Demajop suggested that i should do an impression IN CASE I did decide to have a dental bridge done without any commitment from my side. I was clear with Dr Demajo that I was not interested in making a dental bridge at that time”*
*....At no point did I give Dr Demajo the go ahead to make the bridge nor choose the material of the bridge.”*
*“My understanding was that an impression was being taken should I decide to go for a bridge or an implant”.*

Illi sfortunatement ghal dan it-Tribunal il-verzjonijiet huma konfliggenti ghal kollox.
Ghalhekk it-tribunal ghandu jara lil minn ser jemmen. Min-naha wahda l-fatt li l-konvenut kien zamm mal-appuntament biex jaghmel ix-xoghol preparativ hija prova fiha nfisha illi xi ftehim kien sar u kien hemm tip t’inkarigu. Illi minkejja dak li nghad it-Tribunal ma jistax jemmen illi dentist jaqbad u jordna *bridge* minghajr ma jiddiskuti materjali u prezzijiet mal-pazjenti kif qed jiddikjara l-konvenut. Biex gie ordnat dan il-*bridge* kellu bilfors jigi konkluz ix-xoghol preparatorju, ghaliex inkella l-*bridge* ma tkunx tajba ghall-halq il-pazjent ghaliex fl-ahhar mill-ahhar

dawn jkunu *custom made*. It-Tribunal ma jistax jaqbel mat-tezi tal-konvenut illi l-*impression* saret sabiex f'kaz li l-konvenut jiddeciedi li jaghmel il-*bridge* din tkun lesta.
Min-naha l-ohra t-Tribunal ihoss illi d-dentist naqas milli jispjega bic-car x'kienu l-konsegwenzi tax-xoghol li twettaq dakinhar u ghalhekk forsi l-pazjent haseb li ma kellux rabta. Illi *di piu'* fir-rigward tal-ammont mitlub, l-affarijiet ma tantx huma cari. Ma gewxipprezentati fatturi min-naha tal-attur biex jispjega ezatt kif gew maqsumin ix-xoghol u l-ispejjez. Illi skont Dok A, a folio 3 tal-process, ix-xoghol li sar kien,
*'Treatment*
*1. Impression for conventional bridge upper left 456 17/09/10*
*2. To extract upper left molar and fit bridge (date to be confirmed)*
*3. To add porcelain below pontic of bridge and cement permanently (date to be confirmed)*
*Balance pending if of bridge amounting to €870'.*

Illi gie ddikjarat li l-konvenut hallas hamsin ewro (€50) akkont. Illi lanqas fuq dan ma kien hamm qbil ghaliex il-konvenut iddikjara li hallas sittin ewro (€60) ghall-*impression*. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-verzjoni ta' fatti prodotti mill-attur huma aktar realistici pero bhala prova ta' spejjez hlief ghall-gurament tieghu l-attur ma gab ebda prova ohra fuq dan u fuq l-ispejjez tieghu. It-Tribunal jhoss illi kien jinkombi fuqu illi jgib prova tal-ispejjez ta' dan il-*bridge*.

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi *abitrio boni viri* billi jilqa' t-talbiet attrici in parte fis-somma t' erba' mitt ewro (€400) bl-interessi sal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati b'mod ugwali mill-partijet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------